**14 ta' Lulju, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Sonia Grech *pro et noe*

*versus*

Stephanie Manfrè

**Dar Konjugali – Separazzjoni Personali – Mandat ta' Inibizzjoni – Neċessità – *Prima Facie* – Appell Ċivili – Appell Kriminali – Nullità ta' Appell – Talba għal Revoka jew għal Riforma tas-Sentenza Appellata**

*Illi l-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jippreskrivi kategorikament illi l-Qorti m'għandhiex toħroġ dan il-mandat ta'*

*inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dan ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawn il-jeddijiet. Dan it-tieni rekwiżit, u ċjoè "li dan ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawn il-jeddijiet" huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddipendix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru prima facie ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.*

*Illi skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-petizzjoni ta' l-appell għandu jkun fiha t-talba għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata jew ta' xi parti minnha. Rikors ta' appell minn sentenza kriminali għandu jikkontjeni talba għat-tħassir jew għat-tibdil fis-sentenza. Fil-kamp kriminali tar-rekwiżit indikat hu impost espressament taħt piena ta' nullità, waqt li fil-kamp ċivili dan mhux il-każ. Fil-każ ta' appelli ċivili jidher ċar li l-leġislatur ried ikun formalistiku mill-inqas billi stabbilixxa li n-nuqqas ta' tħaris ta' dak li hu meħtieġ f'petizzjoni għar-revoka u petizzjoni għar-riforma ma jagħmilx nulla l-petizzjoni.*

*Minn imnkien fil-liġi però ma jirriżulta li għax appellat imissu talab riforma u mhux revoka jew vice versa dan jirrendi l-petizzjoni tiegħu nulla. L-importanti hu li jkun talab jew ir-revoka jew ir-riforma.*

Il-Qorti: –

Rat l-att ta' ċitazzjoni Numru 178/88G ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-attriċi *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Billi l-esponenti b'rikors tat-13 ta' Awissu, 1987, quddiem dik il-Qorti, wara li kkonfermat bil-ġurament;

1. Illi d-dar konjugali ta' l-esponenti u żewġha kienet u

ħija "Dar is-Sejjieħ", Victoria Lines, Madliena;

2. Illi l-esponenti reċentement fetħet proċeduri għas-separazzjoni personali u marret toqgħod band'oħra, mentri żewġha baqa' fid-dar konjugali;

3. Illi kontra l-volontà ta' l-esponenti, l-intimata stabbilit ruħha fid-dar konjugali u qiegħda tgħix hemm;

4. Illi fil-*weekend*, it-tfal minuri Armand, Jerome u Claude jmorru jaraw lil żewġha, u jsibu lill-intimata installata fid-dar konjugali ta' ommhom;

5. Illi dan imur kontra d-drittijiet ta' l-esponenti u mhux fl-interess tat-tfal minuri, talbet li dik il-Qorti jogħġobha tinibixxi lill-imsemmija Stephanie Manfrè milli tidħol fid-dar konjugali "Dar is-Sejjieħ", Victoria Lines, Madliena, taħt is-sanzjonijiet tal-liġi. Bl-ispejjeż;

Billi dik il-Qorti bid-digriet tagħha tat-13 ta' Awissu, 1987, ordnat in-notifika tar-rikors lill-konvenuta, b'sitt ijiem żmien għar-risposta;

Billi l-konvenuta, għalkemm notifikata regolarment, naqset li tirrispondi;

Billi dik il-Qorti b'digriet tat-28 ta' Jannar, 1988, ċaħdet it-talba ta' l-esponenti għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni mitlub;

Billi din iċ-ċaħda tilledi d-drittijiet ta' l-attriċi u hija kontra l-interess ta' uliedha minuri li m'għandhomx jgħixu taħt saqaf

wieħed mal-konkubina ta' missierhom u jarawha tokkupa s-sodda matrimonjali ta' ommhom;

L-attriċi talbet li d-digriet fuq imsemmi tat-28 ta' Jannar, 1988, jiġi rrevokat u dik il-Qorti tilqa' minnufih it-talba ta' l-esponenti u toħroġ l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-istess mandat kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attriċi;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, fis-sens illi r-revoka "*contrario imperio*" tad-digriet tat-28 ta' Jannar, 1988 setgħet intalbet b'rikors, u l-esponenti tipprotesta ruħha għall-ispejjeż żejda kkawżati bl-att taċ-ċitazzjoni;

Illi ladarba l-attriċi għażlet li tagħmel kawża kien messha talbet l-inibizzjoni biex din il-kwistjoni tiġi deċiża darba għal dejjem fil-mertu essenzjali tagħha u mhux "*prima facie*". Kieku kellha tirbaħ din il-kawża, u joħroġ il-mandat, l-attriċi mbagħad tkun trid issegwi l-mandat b'ċitazzjoni konfermatorja fit-terminu stabbilit bil-liġi;

Illi fil-mertu, id-digriet tat-28 ta' Jannar, 1988, huwa ġust u m'għandux jiġi revokat. It-talba kontenuta fil-mandat hi **illegali**, u l-attriċi għandha mezzi oħra biex tipproteġi lil uliedha. Il-fatt li l-attriċi għażlet din it-triq turi ċar li din hi biss kawża vessatorja ta' pika;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda tagħha;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' April, 1988, li biha rrespinġiet it-talbiet attriċi u konsegwentement iddeċidiet li m'għandhiex tirrevoka d-digriet in kwistjoni tat-28 ta' Jannar, 1988 u li m'għandhiex toħroġ l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni u ordnat li fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, u dan wara li kkunsidrat:

"Illi kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-fatti sostanzjali li taw lok għall-kawża, fis-sens li:

1. L-attriċi ħarġet mid-dar konjugali u ftit wara daħlet il-konvenuta;

2. L-attriċi kienet toqgħod ma' żewġha fl-imsemmija fond għal numru ta' snin qabel ma bdiet il-kawża tas-separazzjoni bejniethom;

3. Relattivament għall-paragrafu ID fid-dikjarazzjoni ta' l-attriċi, li t-tfal Armand u Jerome qegħdin ikunu edukati fl-Ingilterra u li dak li ntqal fir-rigward tal-visti tagħhom għandu jinftiehem fis-sens għal meta jkunu Malta fil-vaganzi jew b'arranġamenti speċjali";

"A bażi ta' dawn il-fatti, l-attriċi kienet talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenuta biex iġġiegħelha toħroġ mid-dar matrimonjali tagħha li minnha hija kienet imsakkra barra. Il-Qorti ċaħdet it-talba għall-ħruġ ta' tali mandat billi *prima facie* ma tirriżultax in-neċessità tal-ħruġ ta' dan il-mandat.....*omissis*..... salv kull dritt lir-rikorrenti lilu spettanti skond il-liġi". L-attriċi għamlet din il-proċedura biex timpunja dan id-digriet u tottjeni r-revoka tiegħu. Il-Qorti hija sodisfatta

li fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza nostrama (Giovanni Galea *vs* Pio Bezzina; XXXVIII.I.336) *ir-rimedju mfittex* mill-attriċi huwa korrett'';

''Ikkunsidrat dwar l-aspetti legali tal-każ:

Illi l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jippreskrivi kategorikament illi ''Il-Qorti m'għandhiex toħroġ dan il-mandatt jekk *ma tkunx* sodisfatta li dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dan ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawn il-jeddijiet'' (l-art. 873(2) ). It-tieni rekwiżit, u ċjoè ''li dan ir-rikorrenti *prima facie* jidher li għandu dawn *il-jeddijiet*'' huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddipendix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie,* ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat'';

''Issa mit-trattazzjoni abbli tad-difensuri jidher manifest li qabel ma l-Qorti tasal biex tibda teżerċita xi diskrrezzjoni dwar il-ħruġ ta' dan il-mandat, tkun trid tirrisolvi diversi problemi ta' natura legali; e.g.;

i. il-jeddijiet tal-miżżewġin fir-rigward tar-reġim tal-komunjoni ta' l-akkwisti, pendenti sentenza f'kawża ta' separazzjoni personali;

ii. il-jeddijiet tal-komunisti f'reġim ta' komunjoni, japplikawx ukoll fil-kontest tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-miżżewġin, u kif;

*iii.* il-kawżali taċ-ċitazzjoni jwasslux biex tintlaqa' t-talba taċ-ċitazzjoni;

iv. Mandat ta' Inibizzjoni jistax jinħareġ kontra terzi li qegħdin igawdu xi ħaġa bil-beneplaċitu ta' min *prima facie* jidher li għandu s-setgħa għaldaqshekk;

v. X'rimedji alternattivi għall-ħruġ tal-mandat ta' inibidzzjoni f'dan il-każ, kienu disponibbli għar-rikorrenti?

vi. L-ulied x'jedd għandhom jikkontrollaw il-mistiedna, tajjeb jew ħażin, tal-ġenituri tagħhom ġod-dar matrimonjali li minnha ħarġet jew ġiet maħruġa waħda mill-partijiet, jew li jmorru joqogħdu jew iqattgħu xi ftit ħin fid-dar matrimonjali tal-ġenituri tagħhom, pendenti l-kawża tas-separazzjoni bejn il-ġenituri tagħhom?";

"Kull waħda minn dan il-komplikazzjonijiet legali hija biżżejjed biex twassal għall-konklużjoni li l-ħruġ tal-mandat ma jirriżultax, ma' l-ewwel daqqa t'għajn. Flimkien, imbagħad ma jħallu ebda dubju li l-ħruġ tal-mandat ma jsegwix *prima facie*";

Rat a fol. 51 in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi *proprio et nomine* u a fol. 59 sa 65 il-petizzjoni ta' l-appell tagħha li biha talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi prevja l-konferma taċ-ċaħda ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, jew iċ-ċaħda tagħhom, tilqa' t-talbiet attriċi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata;

Rat a fol. 73 sa 74 ir-risposta tal-konvenuta appellata għall-appell ta' l-attriċi *proprio et nomine* li biha għar-raġunijiet fiha kkontenuti ssottomettiet li l-appell għandu jiġi rriġettat bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellanti;

Rat l-atti kollha rilevanti għal din id-deċiżjoni

partikolarment il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ġunju, 1988 u anki d-digriet tagħha tal-31 ta' Mejju, 1988, li bih akkordat talba ta' l-appellanti biex l-appell jinstema' bl-urġenza;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi dak li ser jiġi deċiż b'din is-sentenza preliminari hija l-eċċezzjoni tan-nullità ssollevata mill-konvenuta appellata fil-konfront tal-petizzjoni ta' l-appell u li fuqha saru noti mill-partijiet;

Fil-fatt il-konvenuta qiegħda tissottometti in liena preliminari n-nullità tal-petizzjoni ta' l-appell għar-raġuni illi l-appellanti interponiet appell anke fuq il-kap ta' l-ispejjeż, liema spejjeż kienu baqgħu bla taxxa, u għalhekk hi kellha titlob ir-riforma u mhux ir-revoka tas-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

Illi skond l-artikolu 142(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12, Ediz. Riv. ta' l-1984) il-petizzjoni għandu jkun fiha t-talba għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata jew ta' xi parti minnha. Disposizzjoni simili għalkemm fondamentalment differenti tinsab fil-Kodiċi Kriminali fl-artikolu 419(1)(ċ) fejn hu stabbilit li r-rikors ta' appell għandu jikkontjeni talba għat-tħassir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Superjuri. Dak li jiddistingwi dawn iż-żewġ disposizzjonijiet tal-liġi però hu li filwaqt li fil-każ ta' l-artikolu 419(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali r-rekwiżit indikat hu impost espressament taħt piena ta' nullità fil-każ ta' l-artikolu 142(2) tal-Kap. 12 dan mhux il-każ. Anzi

jista' jiżdied li mill-artikolu sussegwenti ċjoè l-artikolu 143 jemerġi ċar li l-leġislatur ried ikun formalistiku mill-inqas billi stabbilixxa li n-nuqqas ta' tħaris ta' dak li hu meħtieġ f'petizzjoni għar-revoka u petizzjoni għar-riforma ma jagħmilx nulla l-petizzjoni;

Oltre dan kollu li ngħad però hemm konsiderazzjoni oħra li tkompli tirrendi l-eċċezzjoni msemmija infondata. Infatti jiġi osservat li skond l-artikolu 142(2) tal-Kap. 12 ġà msemmi l-petizzjoni għandu jkun fiha jew talba għat-tħassir tas-sentenza appellata jew inkella talba għat-tibdil ta' xi parti minnha. Issa fil-każ preżenti hemm proprju talba għar-revoka tas-sentenza appellata u dan jissodisfa l-vot tal-liġi. Jekk fil-fatt stante kif ingħatat is-sentenza appellata kien każ ta' talba għar-riforma ta' parti minnha biss u mhux ta' revoka totali. S'intendi dan imbagħad jiġi rifless fil-parti dispositiva tas-sentenza li tiddirimi l-mertu ta' l-appell. Minn imkien fil-liġi però ma jirriżulta li għax appellant imissu talab riforma u mhux revoka jew *vice versa* dan jirrendi l-petizzjoni tiegħu nulla. L-importanti hu li jkun talab jew r-revoka jew ir-riforma, u jekk bħal f'dal-każ, tkun intalbet ir-revoka u jkunu ġew osservati, kif fil-fatt ġew osservati, ir-rekwiżiti stabbiliti fis-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 143 tal-Kap. 12 anqas hu l-każ li jiġi applikat il-paragrafu (3) ta' l-istess artikolu fis-sens li m'hemmx ħtieġa ta' digriet skond l-istess sub-artikolu;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-eċċezzjoni ta' l-appellata tan-nullità tal-petizzjoni billi tirrespinġi l-istess bl-ispejjeż relattivi a kariku ta' l-istess appellata eċċipjenti.